

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

2008/2100(INI)

11.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-komplementarjetà u l-koordinazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u tal-miżuri għall-iżvilupp rurali
(2008/2100(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bernadette Bourzai

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li l-allokazzjoni tal-Fondi Strutturali għall-oġġettivi tal-Istrateġija ta' Liżbona għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għandha tikkunsidra l-elementi partikulari tar-reġjuni għaliex inkella tkun qed tirkiskja li tagħmel ħsara lill-oġġettivi ta' koeżjoni territorjali u lill-mitigazzjoni tad-disparitajiet reġjonali;
2. Jisħaq li l-politika għall-iżvilupp rurali għandha takkumpanja u tikkompleta l-miżuri tal-Politika Agrikola Komuni, billi tqis l-oġġettivi ġenerali tagħha, bħaż-żieda tal-produzzjoni agrikola, l-appoġġ għad-dħul agrikolu, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u l-garanzija tal-provvista u tas-suffiċjenza tal-ikel;
3. Jissottolinja li ż-żoni rurali qed jirriskjaw li jsibuha diffiċli biex jadattaw ruħhom għal dan l-orjentament il-ġdid tal-politika reġjonali minħabba l-karatteristiċi tagħhom: popolazzjoni li qed tixjieħ, aċċessibilità diffiċli minħabba netwerks insuffiċjenti ta' komunikazzjoni u ta' trasport, esodu kontinwu mill-inħawi rurali, livelli aktar baxxi ta' kwalifiki tal-popolazzjonijiet rurali, in-nuqqas ta' infrastruttura u ta' servizzi pubbliċi, il-pluriattività tal-parteċipanti rurali, in-nuqqas ta' makkinarju għat-twettiq tal-proġetti u taċ-ċentri ta' kompetenza li jiġbru flimkien intrapriżi u istituzzjonijiet ta' taġlim u ta' riċerka;
4. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li r-reġjuni kollha tal-Unjoni, fit-totalità tagħhom, inklużi ż-żoni rurali u dawk imbiegħda, bħala regola ġenerali għandhom jibbenefikaw mill-istess possibilitajiet ta' żvilupp sabiex tkun evitata aktar esklużjoni territorjali taż-żoni l-aktar żvantaġġati;
5. Jissottolinja li, f'numru kbir ta' żoni rurali, id-diffikultajiet ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi, in-nuqqas ta' impjiegi u l-piramida tal-età jnaqqsu l-potenzjal ta' żvilupp, b'mod partikulari l-possibilitajiet għaż-żgħażaġh u għan-nisa;
6. Jisħaq li, f'ċerti żoni, m'hemmx soluzzjonijiet alternattivi għal ċerti forom determinati ta' produzzjoni agrikola u li dawn spiss ikollhom jinżammu, ikunu xi jkunu l-iżvantaġġi, għal raġunijiet ta' politika ambjentali u reġjonali, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna r-reġjuni rurali mbiegħda u muntanjużi, li qed jġarrbu deżertifikazzjoni;
7. Ifakkar li l-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 wessa' l-oġġettivi ta' Liżbona fir-rigward tal-ideat ta' sostenibilità u ta' koeżjoni u li l-politika ta' żvilupp rurali hi mmirata proprju lejn il-ħolqien ta' agrikoltura sostenibbli, iż-żamma tal-attivitajiet rurali mhux agrikoli, il-valutazzjoni tal-potenzjal tal-iżvilupp lokali, il-ħarsien tal-ambjent, l-iżvilupp ibbilanċjat tat-territorji u l-iżvilupp tal-intrapriżi ta' daqs żhir u medju;
8. Jisħaq li ma jistax jinkiseb żvilupp territorjali sostenibbli u bbilanċjat sakemm l-interazzjoni bejn iż-żoni rurali u dawk urbani – pereżempju fl-oqsma tat-taħriġ, tal-integrazzjoni, tal-provvista tal-ikel, tat-trattament tal-iskart, tal-konsum tal-enerġija u tal-

protezzjoni tal-ambjent – ma tkunx ibbażata fuq rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi territorjali rurali u urbani; Jisħaq, barra minn dan, li l-programmi speċifiċi għalhekk għandhom ikunu ddedikati għar-relazzjonijiet bejn l-ibliet u l-kampanja;

9. Iqis li l-kwistjonijiet li l-ambjent rurali se jkollu jħabbat wiċċu magħhom jeħtieġu politika ta' żvilupp ibbilanċjata li tintegra l-parteċipanti ekonomiċi u soċjali kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u l-mikrointrapriżi tal-produzzjoni u tas-servizzi, b'kunsiderazzjoni tal-irwol tagħhom fl-iżvilupp integrat tat-territorji;
10. Iqis li, fil-każ tal-Istati Membri l-ġodda, il-politika ta' żvilupp rurali għandu jkollha l-għan b'mod partikulari li ttejjeb ir-rendiment tal-agrikoltura u li tnaqqas id-differenzi fl-iżvilupp ekonomiku li jeżistu bejn iż-żoni rurali u ż-żoni urbani, anke billi tappoġġja l-attivitajiet mhux agrikoli, li hu objettiv li jista' jintlaħaq b'mod partikulari bl-użu tal-Fondi Strutturali;
11. Jemmen li l-irwol tal-UE huwa li, speċjalment fl-Istati Membri l-ġodda, tiffaċilita r-ristrutturazzjoni tas-settur agrikolu, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, u r-relazzjonijiet bbilanċjati bejn iż-żoni rurali u ż-żoni urbani;
12. Jilqa' l-ambizzjonijiet stipulati fit-Tieni Konferenza Ewropea dwar l-Iżvilupp Rurali li saret f' Salzburg fl-2003, iżda jiddispijaċih mill-fatt li l-iffinanzjar mogħti skont it-tieni pilastru tal-Politika Agrikola Komuni mill-aħħar prospettivi finanzjarji tant kellu tnaqqis sinifikanti li qed jirriskja li johlq ineffiċjenza u diviżjoni bejn il-bdiewa u n-nies li jgħixu fiż-żoni rurali;
13. Hu tal-fehma li, fl-Istati l-Membri l-ġodda, sabiex dawn ikunu jistgħu jikkonsolidaw l-istrutturi agrikoli tagħhom, it-tieni pilastru m'għandux ikun ikkonsolidat permezz tat-trasferiment ta' fondi mill-ewwel pilastru, imma permezz tal-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni għall-programmi ta' żvilupp rurali;
14. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tevalwa l-istrumenti kollha użati għall-implimentazzjoni u għat-tweqqif finanzjarji tal-ipprogrammar tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond Soċjali Ewropew, reġjun b'reġjun, sabiex tivverifika li l-għoti tal-fondi tagħmilha possibbli li ż-żoni rurali jiġu żviluppanti bl-aħjar mod;
15. Itenni t-talba tal-Parlament Ewropew li ssir analiżi preċiża tal-vantaġġi għad-diversi parteċipanti ekonomiċi rurali, agrikoli u mhux, kif ukoll tar-riżultati miksuba, b'mod partikulari fil-qasam tal-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi; jerġa' jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel studju preċiż reġjun b'reġjun li jagħmilha possibbli li jiġu determinati l-bżonnijiet ta' appoġġ ta' dawn il-parteċipanti bl-għan li l-politika rurali l-ġdida tkun definita fuq bażijiet koerenti;
16. Iqis li huwa meħtieġ li jissaħħu t-tmexxija u s-sħubija permezz ta' konċertazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba ekonomiċi u soċjali fil-livell Ewropew, f'dak nazzjonali u f'dak lokali bil-ħsieb li jiġu definiti, implimentati u segwiti l-politiki rurali territorjali;
17. Jipproponi li, mill-perjodu ta' finanzjament li jibda fl-2014, il-Fondi Strutturali jiġu

adattati aħjar għall-interessi taż-żoni rurali u li l-politika ta' għajnuna fil-qafas tat-tieni pilastru tal-Politika Agrikola Komuni, lil hinn mis-settur agrikolu, xorta tiġi trasformata f'politika integrata favur iż-żoni rurali; jitlob li s-sinerġiji bejn il-Politika Agrikola Komuni u l-politika ta' koeżjoni jissaħħu b'dan il-mod; jirrikonoxxi l-hteġa li jkun hemm koordinazzjoni aħjar ta' dawn iż-żewġ politiki sabiex jiġu preferuti s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politika reġjonali u l-politika għall-iżvilupp rurali, b'tali mod li jkun possibbli li l-oġettivi tagħhom jitwettqu b'mod komplut u integrat;

18. Jiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn li titħejja strateġija koerenti għall-iżvilupp rurali fiż-tul, sabiex ikun iffaċilitat l-użu l-aktar effettiva u effiċjenti tal-finanzjamenti kollha disponibbli;

19. Jitlob li sal-2011 il-Kummissjoni, fil-qafas tal-Kontroll tal-Saħħa tal-Politika Agrikola Komuni, toħloq grupp ta' ħidma ta' livell għoli li jħejji proposti mmirati biex jiżguraw il-futur tal-ekonomija rurali u tal-popolazzjonijiet kollha taż-żoni rurali wara l-2013.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	10.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 1 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bernadette Bourzai, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, Giovanna Corda, Albert Deß, Constantin Dumitriu, Michl Ebner, Ioannis Gklavakis, Lutz Goepel, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Heinz Kindermann, Stéphane Le Foll, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, James Nicholson, Neil Parish, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Alyn Smith, Andrzej Tomasz Zapałowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Katerina Batzeli, Gábor Harangozó, Astrid Lulling, Hans-Peter Mayer, Catherine Neris, Markus Pieper, Kyösti Virrankoski